# KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Triq il-Kbira San Ġużepp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
indirizze: santavenera.lc@gov.mt
Sit elettroniku: http://www.stvenera.gov.mt


**33/18**

**Minuti tat-tlieta u tletin (33) Laqgħa b'Urġenza tas-sena 2012, li ssejħet fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera, nhar l-Erbgħa 29 t'Awwissu fis-7.00 ta' filgħaxija.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Horace J. Anastasi | - | Sindku |
| | Is-Sinj. Mariella Micallef | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier (wasal fis-7.07 ta' filgħaxija) |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sinj. Louise-Anne Gusman | - | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| **Assenti u Skużat:** | Is-Sur Ronald Briffa | - | Viċi Sindku (bagħat ittre, impenjat) |
| | Is-Sur Cleaven C. Bugeja | - | Kunsillier (bagħat ittre, xogħol) |

***Aġenda:*** ***Mozzjoni – Day Centre tal-Anzjani***

Il-laqgħa bdiet fis-7.00 ta' filgħaxija.

1 ***Mozzjoni – Day Centre tal-Anzjani***

1.1 Is-Sindku, s-Sur Horace J Anastasi talab lill-Kunsillier is-Sur Stephen Sultana sabiex jipproponi l-Mozzjoni – *Day Centre* tal-Anzjani. Il-Kunsillier is-Sur Edwin Formosa ssekonda l-Mozzjoni ppreżentata.

1.2 Is-Sindku, s-Sur Anastasi qara l-mozzjoni.

1.3 Is-Sur Sultana qal li huwa jixtieq ikun jaf x'se jagħmel il-Kunsill Lokali dwar id-*Day Centre* u peress li l-kirja ser tagħlaq fi Frar 2013. Żied jgħid li nvista tal-fatt lix-xhur qed jistrinġu huwa qiegħed iħoss li qed jgħaddi ż-żmien u staqsa wkoll, jekk sarx xi arranġamenti mal-Ministeru. Huwa qal ukoll li bħala kirja ntefqu €82,000. L-investiment kien kbir. Huwa żied jgħid li ma jħossx li l-Kunsill Lokali jidħol f'iżjed spejjeż bħal dawn.

1.4 Is-Sindku, s-Sur Anastasi qal li jidher li hemm qbil fuq dan. Huwa stqarr li kemm ilu Sindku tħabat fuq li tħabat biex jitlob għal diversi binjiet, bħal Bini tas-Support Unit, fi Triq Patri Ġwann Azzopardi u oħrajn, u, anki pprova jakkwista l-bini tal-Aġenzija taż-Żgħażagħ imma, hemm diffikultajiet kbar. Huwa qal li saħansitra kien tkellem mal-Ministru dirett u rrefera għall-ewwel laqgħa tal-istess jum, dwar id-devoluzzjoni.

1.5 Il-Kunsilliera s-Sinj Mariella Micallef qalet li fi Triq San Ġorġ hemm rixtellu, iżjed l-isfel minn Pullu, nfetħet mina l-isfel u se tinfetaħ Dar tal-Anzjani.

1.6 Is-Sur Sultana qal li rigward id-devoluzzjoni, din tista' tkun tibqa' għaddejja bil-proċess jekk jirnexxielu s-Sindku u b'hekk is-Sindku jkun għamel xi ħaga stupenda.

1.7 Is-Sindku qal li din xorta tkun xi ħaġa tajba għal kulħadd iżda, mportantissimu li ma nitilfux il-kirja li għandna issa, qabel ma jkollna l-proprjeta' tagħna. Jekk id-devoluzzjoni tirnexxi, forsi tad-*Day Centre* ma jorbotniex daqshekk fit-tul.

1.8 Is-Sur Sultana qal li jkun hemm bżonn li toħrog tender.

1.9 Is-Sinj Micallef żiedet li jekk il-Kunsill jikri garaxx ieħor, xorta wieħed irid jara li jkollu l-affarijiet essenzjali fih. Hija staqsiet x'kien għamel bhala xogħol u għamara l-Kunsill meta ħa d-*Day Centre*.

1.10 Is-Sur Sultana wieġeb li l-Kunsill kien għamel kollox u li huwa ma jaraħx bħala dejn. Żied jgħid li għaddew 10 snin u li l-post ġie jiswa lill-Kunsill €82,000. Kien sar is-soffit, madum,eċċ.

1.11 Is-Sindku qal li l-Kunsill ħareġ €82,000 f'kirjiet u, l-kumplament ħariġhom il-Gvern Ċentrali u li kullħadd kien qabel dwar dan. Is-Sindku ppropona li huwa vera li l-Kunsill ħa jmur għad-devoluzzjoni u jekk sadanittant il-Kunsill isib xi post addattat ikun jista' jixtrih. Żied jgħid li forsi ikun hemm xi proprijeta' oħra tal-Gvern.

1.12 Is-Sur Sultana saħaq li xorta jrid joħroġ tender u li jekk il-Kunsill jirnexxielu jakkwista proprjeta' tal-Gvern, wieħed irid iniżżel klawsola fit-*tender* dwar dan u fit-*tender* irid jkun hemm ukoll li l-Kunsill jista' jirrifjuta l-iżjed offerta vantaġġjuza.

1.13 Is-Sindku qal li għalhekk huwa mportanti li l-Kunsill jieħu d-devoluzzjoni ta' din l-art ħdejn il-Kunsill Lokali u li l-applikazzjoni trid issir fi żmien qasir. Sostna li hemm bżonn tal-qisien ta' din l-art u li d-Dipartiment tal-Gvern suppost għandu dawn il-qisien u li mportanti li nitolbu għall-pjanta ħalli nkunu nistgħu nippreżentawha mall-applikazzjoni. Fl-applikazzjoni hemm bżonn li jitnizzlu dettalji finanzjarji.

1.14 Is-Sur Sultana qal li l-post jkun jista' jakkomoda uffiċċju postali, għassa, ufficini għall-Kunsill Lokali, dejjem skont kemm ikun kbir il-post.

1.15 Is-Sindku qal li l-iscouting tiegħu issa, wasal għall-art ta' ħdejn il-Kunsill. Huwa qal li l-Kunsill joħrog *tender* imma fl-istess ħin jixtieq li jagħtu ċans sal-bidu t'Ottubru, 2012.

1.16 Is-Sur Charles Camilleri staqsa x'jiġri jekk l-art ma tingħatax lill-Kunsill?

1.17 Is-Sur Edwin Formosa informa lill-Kunsillieri li fejn il-LiDL hemm art li hija tal-Gvern imma li hija ftit il-bogħod.

1.18 Is-Sindku sostna li dik l-art hija żgħira u mportanti li jkun ċentrali.

1.19 Is-Sur Sultana qal li huma ma jistgħux jixtru d-*Day Centre* għax jiġi *Direct Order*.

1.20 Is-Sindku qal li l-Kunsill iddeċieda li jmorru għad-devoluzzjoni tal-art ta' ħdejn il-Kunsill Lokali, fil-frattemp għall-bidu t'Ottubru jinħareg it-tender u li l-Kunsill ikun jista' jirrifjuta l-iżjed offerta vantaġġjuza. Forsi l-Kunsill isib art li tkun adatta, dejjem skont il-kobor.

1.21 Is-Sur Camilleri qal li jekk il-Kunsill joħrog it-tender u ma japplika ħadd, x'ħa jiġri. Bħallissa l-prezzijiet huma ħafna għoljien jonkella jikru għall-10 snin.

1.22 Is-Sindku qal li din id-decizjoni aħjar tittieħed kif ikun se jinħareg it-*tender*.

1.23 Is-Sur Sultana qal li aħjar ma jintilifx izjed ħin. Żied jgħid li t-*tender* jkun għad-*Day Centre* jew għal xi ħaga iżjed biex ma jistrinġux li jridu jixtru biss.

1.24 Is-Sinj Micallef staqsiet jekk xi ħadd jafx jekk is-sid iridx ibigħ il-post tad-*Day Centre*?

1.25 Is-Sindku għalaq billi stqar li kullħadd qabel mall-mozzjoni tas-Sur Sultana. Stqarr ukoll li il-Kunsill ta' Santa Venera qiegħed jitlob li jixtri bini u li t-*tender document* għandu jitlesta mill-Perit tal-Kunsill. Importanti li jiġi speċifikat jekk tkunx art jew dar aċċessibbli u li tkun konformi għal *Day Centre*, li jkollu binja għall-bini amministrativ tal-Kunsill Lokali, Uffiċċju tas-Sigurta; librerija, eċċ u, li l-post ikun ċentrali. Is-Sur Anastasi spiċċa billi saħaq li l-importanti liċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani jibqa' għaddej.

1.26 Il-Laqgħa intemmet fis-7.43 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Horace J Anastasi | Is-Sinj Louise-Anne Gusman |
| Is-Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati Illum, 5 t'Ottubru 2012